# NAQQAS U FFRANKA

Prattiċi sostenibbli fl-użu tal-enerġija u ilma,
u mmaniġġjar tal-iskart fid-djar Għawdxin



**Messaġġ mill-Onor. Giovanna Debono**
**Ministru għal Għawdex**

Permezz tal-proġett 'Naqqas u Ffranka', il-Ministeru għal Għawdex bi pjaċir qed jerġa' jestendi l-istedina lil kull persuna li tgħix Għawdex, biex kulħadd ikollu sehem dirett fit-twettieq tal-pjan ta' azzjoni eko-Għawdex. Viżjoni ambizzjuża li tfittex futur aħjar għal din il-gżira.

Din l-istedina qed taslilkom ġewwa djarkom minn rappreżentanti li ġew imħarrġa biex jagħtukom pariri siewja dwar kif, bi ftit impenn, wieħed jista' jikkontribwixxi għal ambjent aħjar filwaqt li tgawdi wkoll il-familja. Dan grazzi għal kollaborazzjoni li sibna mill-Università ta' Malta, li qed tmexxi flimkien magħna dan il-proġett.

Wara l-interess inkoraġġanti li ntwera tul il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika segwit mill-impenn ta' madwar 50 entità mwaqqfa f'Għawdex, li lkoll wettqu jew qed iwettqu diversi inizjattivi marbuta mal-viżjoni tal-Gvern għal Għawdex, aħna fiduċjużi li intom se terġgħu tingħaqdu magħna fil-ħidma marbuta ma' dan il-proġett.

Nirringrazzjakom li qed tilqgħu lir-rappreżentanti tagħna fi djarkom waqt li nawgura li l-pariri tagħhom ikunu ta' għajnuna siewja għalikom u l-komunità Għawdxija.

Il-kontribut u l-impenn tagħna lkoll huma marbuta ma' futur aħjar għal gżira ta' Għawdex, li jfisser ukoll futur aħjar għall-familji residenti f'Għawdex.

Grazzi u tislijiet,



# Pariri dwar il-konservazzjoni tal-enerġija

- Dawn huma l-aħjar miżuri ta' konservazzjoni tal-enerġija fid-dar, f'ordni ta' prijorità: insulazzjoni tas-saqaf u ta' ħitan tas-singlu fuq barra, kif ukoll ħitan tax-*shafts* u btieħi interni; fis-sajf, dell matul il-ġurnata u ventilazzjoni filgħaxija. Ħġieġ doppju jagħmel differenza kbira fi djar li għandhom ħafna twieqi jew bibien bil-ħġieġ.

- Meta tagħżel li tbiddel it-twieqi jew il-bibien, agħżel materjal bħal injam jew plastik. L-aluminju jitrażmetti s-sħana u l-kesħa.

- Meta tixtri apparat elettroniku, jew tad-dawl, fittex il-marka tal-enerġija fuqu, aqraha sew u ifhem il-kontenut tagħha.

- Agħżel friġġ li hija addattata għall-bżonnijiet tiegħek, u qiegħdha l-bogħod minn sorsi ta' sħana. Naddaf il-friża meta jkun fiha ħafna silġ, u ċċekkja l-lasktu tal-bieba b'mod regolari.

- Meta tkun qed tuża *dishwashers* jew magni tal-ħasil, aħsel bl-anqas temperatura possibbli u uża s-sapun u materjal ieħor tal-ħasil bil-qies.

- Waqt it-tisjir agħmel użu minn borom addattati għall-*burner* li tkun qed issajjar fuqu. Baxxi l-fjamma tal-*cooker* meta l-ilma jibda jagħli.

- Kundizzjonatur tal-arja addattat għad-daqs tal-kamra jaħdem tajjeb billi jitfi u jixgħel meta jkun hemm bżonn, u ma jibqax jaħdem il-ħin kollu, filwaqt li jżomm it-temperatura u l-umdità f'livell tajjeb. Il-kompressur ta' barra għandu jiġi mqiegħed f'post delli u fejn l-arja tiċċirkola mingħajr ostakli.

- Naqqas attività li tista' tiġġenera sħana jew umdità fid-dar tiegħek.

- Kull apparat li jkun fuq 'stand-by', jaħli l-elettriku. Meta possibbli, dawn għandhom jintfew mis-swiċċ jew plakka.

- Bozoz li jiffrankaw l-enerġija u LEDs jiswew xi ftit aktar minn bozoz normali, iżda jaħlu ħafna anqas elettriku u jservu aktar fit-tul.

- Ixgħel biss l-ispazju fejn tkun qed taħdem fih.



# Enerġija Rinovabbli: Apparat li jsaħħan l-ilma b'enerġija mix-xemx (SWH)

- SWH jista' jieħu post *water heater* tal-elettriku, sabiex b'hekk tkun qed tnaqqas il-konsum tal-elettriku u l-emissjonijiet assoċjati miegħu.

- Djar li m'għandhomx aċċess għall-bejt, jistgħu jagħmlu użu minn pompi li jsaħħnu l-ilma li kapaċi jaħlu 70% anqas elettriku minn *water heater* normali.

Meta tikkalkula d-daqs tas-SWH ftakar li:

  - o *Shower* normali tikkonsma madwar 30 litru ta' ilma sħun. Iżda xorta għandek taħseb għall-ilma sħun meta t-temp ikun imsaħħab.

  - o Fil-każ ta' SWH *flat-plate*, kull metru kwadru ta' spazju fuq il-kollettur, huwa ekwivalenti għal bejn 50 u 60 litru ta' ilma sħun.

  - o Fil-każ ta' SWH *evacuated tube*, kull metru spazju jipprovdi madwar 100 litru tal-ilma sħun.

- Idealment, SWH għandu jitpoġġa f'post fejn hemm xemx kontinwa u mingħajr dell (eż. dell tal-kamra tal-bejt, tankijiet tal-ilma, ċnut, etċ.).

- SWH għandu dejjem iħares lejn in-nofsinhar. Il-kollettur irid ikun inklinat f'angolu ta' bejn $40^{o}$ u $50^{o}$, għax l-ilma sħun huwa bżonnjuż l-aktar meta x-xemx tkun qiegħda baxxa fis-sema.

- L-istruttura tas-SWH għandha tkun tiflaħ għall-qawwa tar-riħ u elementi oħra. L-istruttura għandha tkun marbuta tajjeb mal-bejt.

- Il-pajpijiet li jwasslu l-ilma sħun mis-SWH għal post fejn ser jintuża, għandhom ikunu insulati tajjeb sabiex titnaqqas il-possibilità ta' telf tas-sħana.

- Kull SWH għandu jiġi ċċekkjat regolarment minn persuni kompetenti.

- L-iskema ta' għajnuna li ppubblikat l-MRA fis-sena 2011, hija miftuħa għal pubbliku inġenerali. L-għajnuna tkopri 40% tal-ispejjeż sa massimu ta' €400. Applikanti li jilħqu l-kriterji tal-assistenza soċjali, kif imniżżel fil-linji gwida, kif ukoll residenti Għawdxin (taħt l-iskema Eko-Għawdex) huma eliġibbli għal 40% tal-ispejjeż, sa massimu ta' €560.



## Pannelli Fotovoltaiċi (PV) u sistemi li jiġġeneraw l-enerġija mir-riħ

- Għalkemm pannelli fotovoltaiċi huma popolari, SWH huwa tliet darbiet aktar effiċjenti, u sa erba' darbiet orħos, għal kull kWh, minn sistema ta' PV. SWH għandu jingħata prijorità fl-għażla ta' enerġija sostenibbli.
- Il-linji gwida tal-MEPA jisħqu li pannelli fotovoltaiċi, m'għandhomx ikunu aktar għoljin minn 1.5 metri 'l fuq mill-bejt.
- Pannella installata b'mod tajjeb, u b'kapaċità massima ta' 1kW, tipproduċi minn tal-inqas 1,500 unit ta' elettriku fis-sena. Il-kapaċità produttiva tal-pannella tonqos b'1% fis-sena.
- Dell fuq pannelli fotovoltaiċi jnaqqas l-effiċjenza tas-sistema. Il-pannella trid tkun 2.4 metri 'l bogħod minn kull metru għoli ta' ostaklu li jista' jitfa' dell fuq is-sistema.
- Tfal m'għandhomx ikollhom aċċess għall-pannelli fuq il-bjut.
- Meta sistema tkun mitfija, il-pannelli jkunu qed jiġġeneraw l-enerġija matul il-jum xorta waħda. Għalhekk qatt m'għandek tmiss is-sistema.
- Strutturi moderni li jikkonvertu r-riħ f'enerġija elettrika jissejħu turbini tar-riħ.
- Turbini żgħar jistgħu jiġu installati waħedhom, mingħajr ma jkunu mqabbda mal-grid elettrika lokali. Meta ma jkunx qiegħed jonfoħ ir-riħ, l-elettriku jittieħed mill-batteriji li jkunu installati mat-turbina.
- Turbini fuq skala akbar ikunu mqabbdin mal-grid sabiex jiġġeneraw l-elettriku fuq skala nazzjonali.
- Turbini tar-riħ jistgħu jiġu installati fil-baħar ukoll.
- Pajjiżi oħrajn jużaw it-turbini tar-riħ minħabba li r-riħ huwa abbundanti, ma jispiċċax, u ma joħloqx emissjonijiet perikolużi.



## Konservazzjoni tal-ilma

- Qatt m'għandek tarmi l-ilma fid-drenaġġ qabel tara jekk hemmx użu ieħor għalih, bħal tisqija ta' pjanti jew tindif.
- Dejjem iċċekkja li s-sistema tal-ilma fid-dar ma tkunx toqtor. Aqra l-arloġġ tal-ilma qabel u wara perjodu ta' sagħtejn fejn ma tkunx qiegħed tuża l-ilma. Jekk in-numri fuq l-arloġġ jinbidlu, dak ifisser li l-ilma qed joqtor minn x'imkien.
- Waħħal *plastic restrictors*, sabiex tnaqqas il-pressa tal-ilma b'20%.
- Uża l-ilma tal-bir għall-*flushing* tat-*toilets*, għall-magna tal-ħasil, jew sabiex taħsel l-art jew il-karozza. Tużax ilma tal-bir fil-kamra tal-banju biex tinħasel jew taħsel idejk. Tixrobx ilma tal-bir dirett, mingħajr trattament adattat.

## Fil-kamra tal-banju:

- Jekk il-*flushing* huwa ta' 9 litri, poġġi kontenitur mimli bl-ilma ġewwa fih, sabiex b'hekk tkun qiegħed tnaqqas l-ammont ta' ilma li jintuża kull darba.
- Poġġi kulur li jintuża fl-ikel mal-ilma tal-*flushing*. Jekk tara l-kulur fit-*toilet*, dan ifisser li għandek *leak*. Importanti li ssewwi s-sistema sabiex tkun tista' tiffranka madwar 2,200 litru ta' ilma fix-xahar.
- Jekk mix-*shower* tiegħek timla barmil ta' 10 litri f'inqas minn minuta, huwa rakkomandat li tibdel ix-*shower head* ma' waħda aktar effiċjenti. B'hekk tista' tiffranka aktar minn 1,500 litru fil-ġimgħa. Meta tieħu *shower* f'inqas minn 5 minuti tkun qiegħed tiffranka mal-4,000 litru ta' ilma fix-xahar.
- Itfa' l-ilma li tkun qiegħed tuża sakemm jiġi sħun f'kontenitur. Uża dan l-ilma għat-*toilets* jew biex issaqqi bih.
- Agħlaq l-ilma li jkun nieżel waqt li tkun qed taħsel snienek, jew tqaxxar il-leħja, etċ.

## Fil-kċina:

- Ara li meta taħsel frott jew ħaxix, tiġbor dak l-ilma, li jista' jintuża għat-tisqija tal-pjanti.
- Taħlix ilma sabiex tħoll is-silġ minn ma' ikel iffriżat.
- Ikkunsidra li twaħħal *instant water heater* fil-kċina sabiex ma jkollokx għalfejn tħalli l-ilma nieżel sakemm jiġi sħun. Jekk għandek sistema ta' *reverse osmosis* (RO) għall-ilma tax-xorb, kun ċert li l-ilma li tarmi s-sistema jitla' fit-tank tal-bejt. Normalment sistema ta' RO tarmi madwar 85% tal-ilma li jidħol fiha.

## Waqt il-ħasil tal-ħwejjeġ:

- Uża l-magna tal-ħasil meta tkun mimlija kollha, jew inkella, poġġiha fuq programm li juża l-ilma skont id-daqs tal-ħasla. B'hekk tiffranka madwar 2,000 litru ta' ilma fix-xahar.
- Agħżel magni tal-ħasil effiċjenti li jaħlu ftit ilma. Tista' tiffranka madwar 70 litru ma' kull ħasla.

## Naqqas fuq il-post tax-xogħol:

- Iċċekkja u ara kif l-iskart li tipproduċi jiġi mnaqqas. B'hekk tkun qiegħed tiffranka l-flus.
- Daħħal sistema ta' ġbir ta' skart separat li jista' jiġi riċiklat.
- Ħajjar lill-ħaddiema tiegħek sabiex iġibu magħhom kikkri jew ikkunsidra li tipprovdi jew tagħti kikkra bħala rigal. Dan inaqqas l-użu ta' tazzi tal-plastik.
- Meta tixtri magna tal-fotokopji, ara li jkollha l-faċilità li tagħmel kopji miż-żewġ naħat tal-karta.
- Uża metodi elettroniċi sabiex tibgħat *memos* jew għal korrispondenzi oħra. Tista' wkoll iddaħħal messaġġi fl-ittri elettroniċi li tibgħat sabiex min jirċeviha jaħsibha darbtejn qabel jipprintjaha.
- Uża enveloppi wżati għal komunikazzjoni interna.
- Uża s-servizz elettroniku tal-banek minflok tmur personalment jew tuża l-karti.
- Uża kontenituri li jistgħu jintużaw aktar minn darba.
- Għal bżonnijiet ta' kuljum, uża kaxxi tal-plastik sabiex tpoġġi l-ikel minflok boroż tal-plastik jew tal-karti.
- Kemm jista' jkun uża basktijiet tad-drapp għal bżonnijiet ta' kuljum.

## Naqqas fid-dar:

- Għal attivitajiet soċjali uża oġġetti li jinħaslu minflok tal-karta jew dawk li jintremew.
- Uża biċċiet tad-drapp sabiex tnixxef il-platti jew tnaddaf, minflok srievet tal-karti.
- Uża s-servizzi elettroniċi tal-gvern jew entitajiet privati sabiex tinqeda għall-bżonnijiet tiegħek.
- Qabel ma tixtri oġġetti ġodda għall-manutenzjoni tad-dar tiegħek, iċċekkja jekk għadx fadallek minn ta' qabel. B'hekk tkun qiegħed taħli inqas u tiffranka l-flus.




MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

eko għawdex
għawdex aħjar

www.ecogozo.com

**ISTITUT GĦALL-ENERĠIJA SOSTENIBBLI** **e:** ise@um.edu.mt **t:** 2165 0675